MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 30/2022 LM

**Vella Group Limited (C 22149)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Vella Group Limited (C 22149)** [hawnhekk 'is-soċjeta' appellanta'] minn deċiżjoni tal-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], tal-1 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], fil-proċeduri tal-arbitraġġ volontarju nru. 6210/2021, fejn l-Arbitru

ddeċieda t-talba tagħha fil-konfront tal-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** [hawnhekk 'l-Awtorità appellata'], billi laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din tal-aħħar *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16, u b'hekk ċaħad it-talba tas-soċjetà appellanta, bl-ispejjeż skont it-taxxa maħruġa miċ-Ċentru, kif annessa mal-imsemmi lodo arbitrali.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta' €19,950.82 rappreżentanti l-prezz għal xogħlijiet ta' emerġenza li ġew reżi mis-soċjetà appellanta lill-Awtorità appellata ġewwa Triq l-Arkati, l-Isla, eżegwiti fuq l-inkarigu tal-imsemmija Awtorità appellata.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta ppreżentat Avviż tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru fis-17 ta' Mejju, 2021 fil-konfront tal-Awtorità appellata, fejn talbet sabiex din tiġi kkundannata tħallasha s-somma pretiża, oltre l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Mejju 2019 u l-imgħaxijiet legali dovuti fuq dik is-somma mill-4 ta' Settembru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-Awtorità appellata wieġbet fl-1 ta' Lulju, 2021 fejn eċċepiet is-segwenti: (i) il-preskrizzjoni *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili; (ii) it-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex is-somma pretiża ma kinitx dovuta stante li x-xogħlijiet eżegwiti ma kienux ta' kwalità tajba u aċċettabbli; u (iii) għandha tiġi ppruvata kwalunkwe pretensjoni għall-ħlas.

**Il-Lodo Arbitrali Appellat**

5. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**2**. **Konsiderazzjonijiet dwar il-Preskrizzjoni***

*Mill-prov miġburin, jidher illi l-Intimata tgħid illi x-xogħlijet in kwistjoni ingħalqu fl-4 ta' Settembru 2013. Dan jirriżulta mix-xhieda tal-Intimata li mhux biss ma ġietx kontradetta iżda tinsab sorretta mill-istess talba tar-Rikorrenti. Dan għalhekk ifisser li l-azzjoni kellha tittieħed entro l-5 ta' Settembru 2015. Fil-fatt ġiet inoltrata ferm wara, fis-17 ta' Mejju 2021.*

*F'dan l-istadju, jiġri li l-Intimata tkun issodisfat il-grad tal-prova meħtieġa biex tistabbilixxi d-data minn meta l-preskrizzjoni tista' titqies li bdiet tiddekorri, u minħabba illi l-kalendarju ma jirrikjedi l-ebda prova, għax hu fatt magħruf u li tiegħu ġudikant jista' jieħu "judicial notice", .... effettivament jista' jikkonkludi il-prova li l-perijodu preskrittiv għadda, u li l-azzjoni tinsab fil-periklu li titqies bħala perenta.*

*F'dan l-istadju jinkombi lir-Rikorrenti li jew (1) turi li l-artikolu invokat mhux applikabbli jew (2) li turi interruzzjoni skont il-liġi.*

*Ma sar l-ebda tentattiv biex jintwera li l-artikolu invokat mhux applikabbli. Jiżdied għal kull bon fini illi l-istess esponent ma jarax li hemm xi diffikultà fl-applikazzjoni tal-artikolu 2149(1) tal-Kap. 16, billi jidher ċar li hawn si tratta għal talba għall-ħlas għal xogħol maħdum taħt appalt, liema xogħol jikkonsisti f'manutenzjoni/tiswija ta' triq pubblika, liema xogħol jikkomprendi l-kunċett ta' kostruzzjoni b'materjali imsemmija f'dak is-subinċiż.*

*In kwantu interruzzjoni, jidher illi l-ittra uffiċjali inoltrata mir-Rikorrenti (apparti li ma ġietx preżentata bħala kopja legali – u dan il-fatt waħdu jitqies daqs li kieku din ma ġietx eżibita fl-atti, u* quod non est in actis non est in mundo*) jidher li din, kif jingħad mill-istess Rikorrenti, kienet inoltrata fit-8 ta' Mejju 2019, li għalhekk hi ferm oltre it-terminu fuq imsemmi (5 ta' Settembru 2015) biex tikkostitwixxi interruzzjoni effikaċi."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta appellat minn dak il-lodo arbitrali fid-29 ta’ Marzu, 2022, fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar l-imsemmi lodo arbitrali, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità appellata u tilqa’ it-talbiet kollha tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata. L-aggravju tagħha huwa li l-Arbitru ma kienx korrett meta ddeċieda li l-azzjoni kienet preskritta b’terminu ta’ sentejn *ai termini* tal-para. (a) tal-artikolu 2149 tal-Kap. 16.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-Awtorità appellata filwaqt li rrilevat li l-appell odjern huwa wieħed *fuori termine,* wieġbet billi ddikjarat li hija taqbel għal kollox mal-lodo arbitrali u dan għar-raġunijiet li hija tfisser fir-risposta tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Din il-Qorti qabel xejn ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-kwistjoni tal-preżentata tardiva tal-appell odjern kif sollevata mill-Awtorità appellata. Tgħid li kif tikkonferma s-soċjetà appellanta stess, hija kienet ġiet notifikata bil-lodo arbitrali fil-11 ta’ Marzu, 2022. Osservat li l-appell odjern ġie ntavolat fid-29 ta’ Marzu, 2022, meta skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 70B(2) tal-Kap. 387 it-terminu għall-preżentata tiegħu għalaq fis-26 ta’ Marzu, 2022, liema datata kienet taħbat is-Sibt u għalhekk *ex lege* l-imsemmi terminu ġie estiż sat-28 ta’

Marzu, 2022. Madankollu l-appell odjern ġie ntavolat mis-soċjetà appellanta fid-29 ta' Marzu, 2022.

9. Il-Qorti tgħid li dan huwa minnu u li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat ġurnata tard. Kif sewwa tirrileva l-Awtorità appellata, skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 70B(2) tal-Kap. 387 applikabbli għal arbitraġġi volontarji, is-soċjetà appellanta kellha ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali sabiex tippreżenta l-appell tagħha. Iżda jirriżulta li għalkemm il-lodo arbitrali ġie komunikat lilha fil-11 ta' Marzu, 2022, u dan kif hija stess tindika fir-rikors tal-appell tagħha, u kif ukoll jirriżulta mill-konferma tal-irċevuta tal-lodo arbitrali kif iffirmata minn Abigail D'Amato għan-nom tas-soċjetà appellanta, u li kopja tagħha tinstab fl-atti tal-Arbitraġġ, din tal-aħħar naqset li tippreżenta l-appell tagħha fit-terminu preskritt mil-liġi. Il-Qorti tqis li dan it-terminu huwa wieħed perentorju, u l-liġi ma tikkonċedi l-ebda eċċezzjoni jew deroga, u għaldaqstant l-appell tas-soċjetà appellanta ma jiswiex.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell tas-soċjetà appellanta bħala irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-imsemmi lodo arbitrali jibqgħu kif deċiżi mill-Arbitru, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu wkoll mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**